# AKTAR TAGĦRIF MILL-ARKIVJI PARROKKJALI (5)

Bl-għajnuna t'Alla reġgħet għaddiet sena oħra u magħha ġġib iċ-ċans li nerġa' ngħaddi xi tagħrif ieħor minn fejn ħallejt is-sena l-oħra. Għalhekk din is-sena se nkompli nikteb dwar it-Tieni Volum "Defunctorum" (Numru 154 fl-Arkivji) li jiġbor fih l-imwiet ta' bejn l-20.6.1671 u t-28.4.1726, total ta' 1847 mewta fi kważi 56 sena fi 366 paġna, bl-aħħar paġna jkollha fiha speċi ta' riċevuti fejn jingħad li ġie mgħoddi lill-'fiscale' s-sehem tax-xemgħa tal-funerali - 'la quarta funeraria della cera' - li kien imiss lill-isqof. Bħal dawn hemm diversi oħra mifruxa b'mod regolari fil-volum imsemmi. Fil-paġna ta' qabel din, insibu sitt paġni tal-'Pia dispositione' (testment) tar-Rev. Don Josephus Azzopardi li fih ikun hemm struzzjonijiet imħollija minn dak li jkun sabiex jitwettqu wara mewtu. Minn dawn id-diżpożizzjonijiet insibu ħafna aktar imferrxa f'dan il-volum u fuq xi wħud nikteb aktar 'il quddiem. Li hu żgur hu li fihom hemm minjiera ta' informazzjoni dwar drawwiet u l-mentalità ta' dawn iż-żminijiet imbiegħda, u jixirqilhom studju sħiħ. Mill-1847 mewta reġistrata nsibu li kien hemm 64 f'Casal Xiluc/Sciluc (li f'żewġ każi minnhom ġie deskritt bħala 'Villa Sciluc' mill-Kappillan Haxac); u f'Casal Chibir kien hemm 22 mewta. L-akbar numru ta' mwiet, dak ta' 59, seħħ fl-1687, waqt li fl-1705 ġew reġistrati 57 mewta.

Bħalma semmejt meta ktibt dwar il-magħmudijiet - li kien ikun hemm xi wħud li jgħammdu fir-raħal tas-Siġġiewi minkejja li ma kinux minn hawn - l-istess jista' jingħad għall-imwiet meta nsibu wħud mhux mis-Siġġiewi bħal, ngħidu aħna, lil Veneranda Bartholo sive Vennera minn Naxxaro ta' 40 sena li fil-5.11.1675 indifnet fis-Siġġiewi; l-istess ġara lil Joanne Domenico Borg minn Casal Lia li miet f'daqqa fid-dar ta' ħuh fit-8.7.1701. Każ ieħor huwa ta' tifel ta' ħames snin bl-isem ta' Nicolaus Perticomati/Perdicomati, bin Dominorum Caeitani u Joanna Testaferrata, residenti Valletta, li fid-9.1.1725, waqt li kienu jgħixu għal xi żmien ('pro tempore') is-Siġġiewi, miet u ndifen hawn.

B'xorti ħażina, bħalma ħafna jafu, dari r-rata ta' mwiet ta' trabi u tfal kienet tkun kbira; u l-istess nistgħu ngħidu għal dan iż-żmien. Hafna trabi kienu jew jitwieldu mejta jew imutu ftit ħin wara t-twelid u għalhekk kienu jitgħammdu mill-majjistri li fosthom insibu lil Gratia Farrugia, Catherina Mamo, Paola Vella, Maria Xicluna u Vincentia Dell'occhio li, wara li assistiet għal tant twelid, insibu r-reġistrazzjoni tal-mewt tagħha fil-15.5.1691 fl-età ta' 80 sena. Eżempji kiefra ta' mwiet ta' trabi nistgħu nsemmu ħafna, imma hawn se nsemmi xi ftit minnhom. Nibda bi Francesco, ta' jum wieħed, li miet fl-20.2.1686, bin Josepho Azzopardi u Angelica; u d-diżgrazzja tkompli tikber bil-mewt tal-omm Angelica tnax-il jum wara, fl-4.3.1686, fl-età ta' 23 sena. Każ ieħor ta' wġigħ il-qalb huwa dak ta' Georgius Borg, tarbija ta' erbat ijiem, bin Mastro Salvatore u Theresa, li miet fil-31.10.1691; propju l-għada miet ħuh tewmi miegħu, Joannes, ta' ħamest ijiem; u biex tkompli t-traġedja, l-omm, Theresa, mietet tlett ijiem wara fl-4.11.1691 fl-età ta' 23 sena wkoll. B'xorti ħażina dawn l-imwiet ta'ommijet waqt il-ħlas jew ftit wara kienu ħaġa komuni. Fl-4.1.1694 Sapientia, mart Vincenzo Camilleri, mietet waqt il-ħlas ('in atto pariendi'); tmint ijiem wara mietet it-tarbija li kienet wildet, bl-isem ta' Joannes Domenico. Fil-5.3.1715 Maria, ta' 30 sena, mart Joanni Maria Vassallo, mietet wara li kellha korriment ta' tarbija. Fil-15.6.1721 twieldet tarbija mejta (li ma ngħatatx isem) u l-għada fis-16 ta' Ġunju miet Francesco, ta' jumejn, it-tnejn ulied Laurentio u Gratia Aquilina. Bħal dan il-każ (ta' trabi bla isem) insibu ħafna wkoll li huma reġistrati bħala 'creatura nata per abortium' jew 'nata abortuit' jew inkella 'nata/natus abortitus' jew 'natus antetempus'. Fil-25.10.1681 insibu li fl-isptar tal-Ordni fil-Belt ('Civitates') Valletta miet Clemens Darmanin ta' 25 sena u fit-23.2.1682, kważi erba' xhur wara, miet ibnu Mundus, ta' tlett ijiem. L-imwiet ta' aħwa wara xulxin ukoll kienet ħaġa spissa, forsi minħabba raġunijet ta' iġjene, u każ wieħed huwa dak tal-aħwa Buchagiar, meta Domenicus ta' 6 snin, bin Joanni Maria u Gratia, miet fit-2.7.1697, u l-għada - fit-3 ta' Lulju - miet ħuh Angelus ta' sitt xhur biss.



*Anthony Mifsud*

Ġrajja li kienet il-kaġun ta' diversi mwiet mill-istess familja u familji differenti kienet il-






'Contagio Pestilentiali' jew waħda fost l-eqlel pesti li qatt laqtu lil Malta, jiġifieri dik li kienet bdiet lejn l-aħħar tal-1675 u baqgħet sejra sa Settembru 1676. Huwa maħsub li daħħluha Malta l-bastimenti tal-Ammirall Ingliż Sir John Narborough li baqa' dieħel fil-port bla permess u bla kwarantina allavolja kien ġej mill-Afrika ta' Fuq fejn kienet faqqgħet il-pesta. Mietu bejn 8,000 u 12,300 persuna, fosthom 23 tabib u numru kbir ta' kavallieri.* Fis-Siġġiewi din jidher li ħakmet bejn il-25.3.1676 u l-5.8.1676 u ħasdet 32 minn ħutna fosthom tnejn minn Ħal Xluq. Dawn il-każi jinsabu reġistrati fil-paġni minn 51 sa 60 u ħdejn l-ewwel isem hemm impinġi salib u kull każ huwa nnumerat minn 1 sa 32. Bħalma kien fil-każi tal-pesta jew mard li jittieħed li semmejt fl-artiklu tas-sena l-oħra, dawk li mietu ndifnu wkoll fiċ-ċimiterju ta' San Theodoro (San Dawdar). Fost il-vittmi nsibu li mill-familja Borg mietu l-omm u tnejn minn uliedha fi żmien xahar. Fi żmien ġimagħtejn mietu wkoll żewġ ulied u omm mill-familja Mallia. Imma l-akbar għadd ta' mwiet laqat lill-familja Farrugia meta fi żmien 20 jum mietu seba' wlied u fl-aħħar intlaqtet ukoll l-omm. Fil-familja Mamo mietu bint u omm fi żmien jumejn, u mbagħad miet tifel ieħor xahrejn wara b'suspett tal-pesta ('suspicionem morbis contagiosi'). Fis-26.5.1676 miet is-Saċerdot Joannes Baptista Mallia ta' 64 sena u ftit wara mietu żewġ persuni oħra li kienu jgħixu f'daru (forsi qraba jew servi?).

La qed insemmi d-dfin nista' ngħid li ħafna mill-imwiet kienu jseħħu fid-djar tal-persuni mejta ('in domo proprio/solita habitationis'). Oħrajn mietu fl-Isptar tal-Ordni ġewwa l-Belt u ndifnu fiċ-ċimiterju tal-istess sptar jew fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt stess; oħrajn mietu fl-isptar tan-nisa ('hospitali muglierens') f'Civitatis Notabilis (l-Imdina) u jew indifnu fl-istess sptar jew fil-knisja ta' San Pawl tar-Rabat. Insibu saħansitra li Magdalena Inguanes, fil-25.11.1699, mietet fl-Isptar San Nicola magħruf bħala Ta' Saura ('dicti ta Saura') iżda nġiebet għad-dfin fil-knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Insibu iżda li fil-25.6.1684 Clemens Galea minn Casal Chibir, ta' madwar 70 sena, miet fil-gżira ta' Għawdex ('Insula Gaulos') u ndifen fil-knisja ta' Santa Salvina (sic) fl-istess gżira. Mewta oħra mhux tant 'il bogħod minn Għawdex seħħet fuq il-gżira ta' Kemmuna, bejn Malta u Għawdex ('Comino inter Melitam et Gaulos'); din kienet ta' Theresa Mifsud, ta' 47 sena, li iżda ndifnet fil-knisja ta' San Nikola. Difna aktar imbiegħda kellu Clemens ieħor, din id-darba Pace, meta fit-2.10.1683, fl-età ta' 45 sena, miet fil-belt ta' Augusta ('Civitate Augusta') fi Sqallija fejn indifen fil-knisja matriċi tal-post. Nixtieq nagħmel parentesi żgħira dwar l-etajiet li nsemmi. Fil-parti l-kbira tal-każi fejn insibu età, aktarx tiżdied il-kelma 'circiter' jiġifieri 'bejn wieħed u ieħor'. Sfortunatament spiss ma tinkiteb ebda età u dan jista' jtellef ħafna meta wieħed ikun qed jagħmel riċerka fuq familji għax ma tistax tqabbel l-età mad-data tat-twelid peress li din ma tkunx teżisti. Drabi oħra, fejn il-persuna mejta tkun tifel jew tifla, ġieli jkollok kemm is-snin, ix-xhur u saħansitra l-ġranet; iżda dawn il-każi huma ftit ferm.

La semmejt id-dfin fil-knisja ta' San Nikola, ta' min wieħed jgħid li f'paġni 113/114 insibu nota fejn f'tal-ewwel hemm kitba li tgħid li waqfu n-notamenti ta' dfin fil-Knisja l-Qadima, bl-aħħar waħda tkun ta' Gratia Dimech, ta' 20 sena, mart Joanni Maria, fl-20.10.1682; fit-tieni nota nsibu li bdew in-notamenti tad-dfin fil-knisja l-ġdida fil-pjazza ('noviter constructa in Platea') wara li kien sar it-tberik minn Don Ludovico Fumicelli, Canonico Capitulari Cathedralis (Kanonku tal-Katidral tal-Imdina) fit-22.11.1682, bl-ewwel difna tkun ta' Joannes Tanti, tarbija ta' ħamest ijiem. In-notamenti tal-imwiet ġeneralment kienu jibdew b'dan il-kliem jew varjanti tiegħu: 'In comunione Sancte Matris Ecclesiae animam Deo reddidit' jiġifieri 'Fil-għaqda mal-Knisja Qaddisa Ommna radd/et ruħu/ha lura lill-Mulej'.*

Xi notamenti mhux tas-soltu ħdejn isem il-mejjet sibt ukoll, pereżempju meta tinkiteb il-kelma 'figlia in capillis' li tfisser 'tifla b'xagħarha mikxuf'; din kienet tirreferi għal 'tfajla mhux miżżewġa'. Tajjeb li nispjega din il-frażi: fil-ktieb Notizia dei Vocaboli Ecclesiastici tal-Malti Domenico Magri, stampat f'Venezja fl-1732, f'paġna 246 insibu spjegat li mara miżżewġa kellha bilfors tgħatti rasha u n-nisa mhux miżżewġa biss kienu juru xuxthom. Din kienet drawwa fi Sqallija u f'Malta.* Fl-14.10.1712 Domenica Muscat mietet fl-isptar tal-Imdina fejn indifnet ukoll; iżda fil-knisja tas-Siġġiewi 'fuit pulsata campana in signum mortis, ut omnes audientes sonum campana ovent pro ea' jiġifieri 'indaqqet qanpiena bħala sinjal ta' mewt sabiex kull min jismagħha jitlob għaliha'. Din il-kitba tixhed li minn dejjem kien hemm id-drawwa li l-qanpiena tindaqq

biex turi lir-raħal kollu li miet xi ħadd biex il-parruċċani jitolbu għalih/a!

Insibu każi forsi xi ftit uniċi, u għalhekk inħoss li għandi nsemmihom. Fil-31.12.1673 mietet, ta' 85 sena, Margarita Bonnici li kienet romlot tliet darbiet. Fis-17.11.1722 hemm reġistrata l-mewt ta' Magistro Augustinus Bonnici ta' 84 sena u l-ewwel reġistrazzjoni wara tiegħu nsibu dik ta' martu Caterinuccia li mietet fil-11.12.1722 fl-età ta' 72 sena - koppja li baqgħet tfittex lil xulxin anke fil-mewt! Fit-18.7.1689 seħħet il-mewt ta' Joanne Mamo ta' 75 sena li kien skjav mill-Etjopja ('Etiops Mancipium') ta' Don Francesco Mamo; u fil-5.4.1720 mietet Catherina de Cuthaijar, ta' 55 sena, serva ta' karnaġjon sewda ('serva Nigra'), mart Lazzaro, serv ukoll, it-tnejn servi ta' Fratris Antonini Cuthaijar. Fis-27.5.1696 Joseph Pac ta' madwar 70 sena radd ruħu lil Alla fil-Belt Valletta fejn kien iwettaq is-sengħa tiegħu ('in loco ubi exercebat suam artem').

Tul dawn is-snin li qed nikteb dwarhom iltqajt mal-imwiet ta' 25 mara deskritti bħala jew 'Soror' biss - li minnhom kien hemm tmienja, b'waħda deskritta bħala 'Terziaria' - u 16 deskritti bħala 'Terziaria' ta' xi ordni reliġjuż. Waħda minn dawn kienet 'Terziaria' Agostinjana, tlieta Karmelitani, filwaqt li t-12 l-oħra kienu Dumnikani. L-etajiet kienu jvarjaw minn 88 sa l-iżgħar ta' 38 sena, b'bosta bla ebda età wkoll. Dawn kienu nisa li għażlu ħajja reliġjuża iżda mhux f'kunvent; fil-fatt kollha mietu f'darhom. Hemm reġistrat ukoll numru żgħir ta' 'Clericus', ħamsa b'kollox, ta' età bejn 17 u 60 sena, b'tal-aħħar miżżewweġ u miż-Żurrieq (Zorrico), kif ukoll numru mdaqqas ta' 'Sacerdos/Presbiter', 23 b'kollox. Wieħed minnhom, Joannes Maria Gatt, ta' 47 sena, kien konfessur tas-sorijiet fil-Monasteru ta' San Pietru fl-Imdina; ieħor kien Joannes Baptista Mallia li, kif diġà semmejt, miet bil-pesta; Joannes Baptista Dingli miet f'daru fil-Belt; Silvius Pace, kappillan (Parrochus) ta' Casal Attard miet fil-knisja ta' San Pawl ir-Rabat. Insibu reġistrati wkoll l-imwiet tal-Vice Parrochus Andrea Buttigeg u ta' żewġ Parrochus oħra - Eugenio Azzopardo fid-19.12.1723, ta' 65 sena, u Domenico Farrugia fit-23.1.1687, ta' 49 sena, li qabel irreġistraw mewtu, hu stess kien irreġistra l-mewt ta' missieru ('meus Pater') Domini Joannes Angelus, ta' 83 sena, u fit-23.10.1683 dik ta' ommu ('mea Mater') Domina Maria, ta' 78 sena. Fl-4.2.1721, ta' 33 sena, miet is-saċerdot Angelus Farrugia u xahar eżatt wara, fil-5.3.1721, mietet ommu Domenica, ta' 67 sena, armla ta' Magistri Caroli li kien miet erba' snin qabel, fid-29.7.1717, fl-età ta' 74 sena.

Fil-bidu ta' dan l-artiklu semmejt li f'dan ir-Reġistru tal-Imwiet hawn numru mhux ħażin ta' 'dispositione' jew 'testmenti' miktubin mill-kappillan kif iddettati lilu mill-moribond quddiem ix-xiehda. Din il-kitba kienet tibda billi, wara li jissemma isem dak li jkun, jinkiteb hekk: 'sano/a di mente benché infermo/a /indisposto/a di corpo' jew bil-maqlub. Dan ifisser: 'il-moħħ tajjeb iżda s-saħħa mhijiex'. Min kien iħalli l-ħafna, u bosta l-ftit 'onze' li kien ikollhom. L-ewwel li kienu jaħsbu kien għal ruħhom, biċ-ċelebrazzjoni ta' diversi quddies, xi ħaġa tal-flus lil xi fratellanza favorita u anke għall-bini tal-knisja jew għall-qniepen. Soror Bartholomea Bondi, fis-7.3.1686 (sitt ijiem qabel mewtha) ħalliet xi djar biex iservu għall-pjazza tal-knisja ('luogo di case...possa servire per la piana della Chiesa'). Fis-26.3.1697 Isabella Pac, ta' 80 sena, kienet ħalliet 'dispositione' miktuba fil-volum, jum qabel ir-reġistrazzjoni ta' mewtha fis-27.7.1697, fejn fost bosta affarijiet oħra ħalliet mitt skud biex iservu għall-funeral ta' Don Pasquale Pac, binha, li meta saret ir-reġistrazzjoni kien nieqes mis-saħħa mentali ('scudi cento che servino per il funerale di Don Pasquale Pac, suo figlio al presente pazzo'). Ħaġa kiefra li l-omm, ta' dik l-età, jkollha taħseb f'binha fl-istat li kien! Dan Don Pasquale miet ta' 57 sena, fid-29.9.1715 (18-il sena u nofs wara ommu). Fost l-affarijiet imħollija f'dawn l-istruzzjonijiet għal wara l-mewt kienu jitħallew ħwejjeġ (Tabone Sperantia, ta' 55 sena, fit-12.10.1675 qalet li riedet 'vendesi il suo manto di rascia'), xi biċċa żgħira tal-għamara jew xi kaxxa - aktarx dak li llum ngħidulu senduq - u xi ċekċikiet li kien ikollhom f'darhom. L-istess Sperantia ħalliet ġiżirana tal-perli lill-Madonna tar-Rużarju sabiex titpoġġa ma' għonq l-istatwa u hekk tibqa' l-ħin kollu żżejjinha ('una sua galera di perle alla Madonna Santissima del Rosario... che si mettesse nel collo della statua sua accio restasse continuament con quella adornata'). Fl-24.6.1675 Joannes Cuscheri minn Casal Chibir, qabel miet fis-7 ta' Lulju ta' wara, fl-età ta' 50 sena, talab li jinbiegħu l-armi tiegħu ta' suldat jiġifieri l-ixkubetta, ix-xabla u stallett u l-ħmar iż-żgħir tiegħu ta' valur bejn wieħed u ieħor ta' tliet skudi ('si vendono le sue arme di soldato cioe moschetto, spada et pugnale et una sua gennetta...tre scudi inirca') sabiex jitħallas il-funeral.





La semmejt 'suldat' naħseb li issa wasal il-waqt li nsemmi fatti li ltqajt magħhom li għandhom x'jaqsmu mal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann. L-ewwel ma niltaqgħu hu l-każ ta' Santorij Vassallo li miet f'xi jum t'Awwissu 1675, ta' 40 sena, fuq ix-xwieni tal-Ordni meta kien qed ibaħħar quddiem Lixandra. Ngħaddu issa għal ġrajja li seħħet f'Ottubru 1684 ħdejn il-Morea - dik li llum ngħidulha l-Peloponnesja fil-Greċja - meta mietu erba' residenti Siġġiwin arwolati fuq ix-xwieni: dawn kienu Antonius Vassallo ta' 46 sena li ġie midfun fi knisja f'Gorfu (illum Korfù), Laurentius Gatt ta' 34 sena minn Casal Xiluc li ġie midfun fil-baħar quddiem Trinacria (fi Sqallija) fejn ukoll indifnu Mauritius Oliva ta' 25 sena, oriġinarju ta' Casal Lia, u Joannes Callus ta' 24 sena, oriġinarju ta' Casal Crendi. Dawn l-imwiet seħħew minħabba li fis-sena 1684 kienet saret ħidma navali kontra t-Torok mill-flotot tal-Papa, ta' Venezja, ta' San Stiefnu tat-Toskana u tal-Ordni ta' Malta, b'kollox aktar minn 300 bastiment. L-ewwel kienu rebħu l-fortizza ta' Santa Maura - kif kienet magħrufa waqt il-ħakma Venezjana - li hija gżira (illum Lefkada fuq il-kosta tal-Punent Griega) u wara għaddew għal Prevesa - illum Preveza - ftit 'il bogħod minn Santa Maura, wara li qasmu l-gżira. Fil-ġlied mietu ħafna, imma l-aktar li mietu kienu bil-pesta huma u ġejjin lura f'Ottubru. Fuq ix-xwieni tal-Ordni, bil-pesta mietu 23 kavallier u fuq 300 suldat (kważi kollha Maltin).* Imwiet oħra seħħew fost dawk li ġġieldu fuq ix-xwieni tal-Ordni bejn Lulju u Settembru 1685. Antonius Hebejer ta' 29 sena, Andreas Callus ta' 44 sena, Domenico Balzan ta' 36 sena, Domenico Qutaijar ta' 22 sena u Joannes Maria, iben illeġittimu ('spurius') ta' Victoria, ta' 33 sena, mietu waqt l-assedju tal-belt ta' Coron (illum Koroni fil-Greċja) f'Achaia, volgarment magħrufa bħala Morea (illum il-Peloponnesja). L-ewwel erbgħa minn dawn li semmejt mietu f'Lulju, waqt li Spiteri miet f'Awwissu. F'Settembru 1685 Angelus Buchagiar, suldat fuq ix-xwieni, indifen fil-baħar 'il barra minn Sqallija. Dan kollu seħħ wara li fis-sajf tal-1685 kien hemm attakk u assedju kbir mill-Kavallieri, il-Venezjani u t-Toskani kontra Coron. Il-ġlied kien aħrax ferm u kien daqqa jdur favur l-Insara u daqqa favur l-Ottomani. It-telfiet miż-żewġ naħat kienu serji. Mietu 13-il kavallier midruba u tmienja bil-mard, 150 Malti bil-feriti u bil-mard waqt l-assedju. Mietu 70 oħra wara li ġew lura Malta. Mietu wkoll xi 60 mill-ekwipaġġ tax-xwieni.* Fil-5.9.1686 insibu l-mewt ta' Marianus Mangion, ta' 63 sena, ġewwa l-Lazzaretto (fejn ġie midfun) wara li ġie lura fuq ix-xwieni wara l-assedju ta' Civitate Neapolis fir-Rumanija. L-assedju ta' Napulia mill-flotot u t-truppi ta' Venezja, Malta u t-Toskana beda fit-30.7.1686 u l-fortizza ċediet fid-29.8.1686. Ir-rebħa wkoll kienet kbira, imma ntilfu mat-3,000 ruħ fil-ġlied fosthom 200 Malti u 19-il kavallier. Il-bastimenti Maltin qabdu t-triq lura fl-4.9.1686. L-aħħar mewt li għandha rabta mal-Ordni hi dik ta' Franciscus Hagus, ta' 21 sena, arwolat ('adscriptus') fuq ix-xwieni tal-Ordni li miet f'Ġunju 1687 u ndifen fil-baħar - fejn ma nafux, għax din ir-reġistrazzjoni tieqaf ħabta u sabta f'nofs kelma.

Bħalma għamilt fl-artiklu tas-sena l-oħra se nispiċċa nikteb xi ħaġa dwar imwiet b'diżgrazzja jew b'mewta vjolenti. Nibda bl-ewwel każ li seħħ fis-27.8.1672 meta Joseph Azzopardo għereq fil-baħar fl-età ta' 32 sena. Fl-24.1.1680 Isabella Farrugia, armla ta' Joanni Maria u bint Philippo Calafat, ta' 62 sena, minn Casal Chibir, mietet 'morte violenta' iżda ma hemm ebda tagħrif li juri kif. Fil-25.7.1680 Angelus Hagus ta' 40 sena miet mewta vjolenti f'għalqa fejn instab b'ħafna feriti ta' xabla. Fil-15.3.1684 insibu li ċ-ċkejkna Bernarda, bint Joseph Spiteri, ta' 11-il sena, minn Casal Chibir, ukoll mietet mewta vjolenti fi triq ('morse violenta in viam'), l-istess mingħajr dettalji. It-tielet vittma ta' mewt b'diżgrazzja jew vjolenti minn Casal Chibir kien Horatius Spiteri, ta' 54 sena, li fit-13.4.1685 b'diżgrazzja ntradam taħt blata li waqgħet fuqu f'għalqa ħdejn il-knisja magħrufa bħala l-Madonna tal-Għar ('ecclesiam sub titolo Divini Mariae de Cripta') tal-Ordni tal-Predikaturi (Id-Dumnikani). U nispiċċa bħalma bdejt bil-każ ta' Joanni Vassallo, bin Caroli u Paula, tfajjel ta' 7 snin u 3 xhur li fl-10.1.1721 miet mgħarraq fl-ilma ('immersus in aquam'). Fejn u kif miet jibqa' mistur, għalkemm wara tant mijiet ta' snin kellu jerġa' jitfakkar f'dan id-daqsxejn ta' artiklu.

Għal sena oħra wasalt fit-tmiem. Filwaqt li nittama li t-tagħrif li wassalt kien ta' interess u li qanqalt daqsxejn aktar kurżità, għal darb'oħra nagħti r-ringrazzjament tiegħi lill-istoriku Dr Giovanni Bonello li tant jieħu paċenzja bija billi ttraduċieli u għaddieli n-notamenti storiċi indikati b'asterisk* u li żgur wasslu tagħlim lil kull min qed jaqra.